MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 68/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Josef Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 0148174M, akkuzat talli:

1. nhar it-23 ta’ Jannar 2007 ghal habta tal-5:30 ta’ wara nofsinhar filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 7 ‘Villa Robinich’, Triq il-Kuluvert, Fgura, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja tal-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura f’perikolu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi permezz ta’ sikkina, kif iccertifikat minn Dr. Marcel Martinelli M.D (warrant mediku

numru 1680) tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, liema ferita gabet mankament jew sfreggju fil-pala tal-id ix-xellugija;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi milli jsiru tali reati;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 7 ‘Villa Robinich’ Triq il-Kuluvert, gewwa l-Fgura, hedded lill-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elsarag mill-Fgura permezz ta’ sikkina;
4. fl-istess data, lok u cirkostanzi wara li gie provokat, ingurja lil kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. fl-istess data, lok u cirkostanzi stieden ghall-glied lill-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura;
6. fl-istess data, hin u lok hebb kontra l-persuna tal-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess;
7. fl-istess data, hin u lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti;
8. fl-istess data, hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;
9. fl-istess data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu sikkina fil-hin li wettaq l-imsemmija reati;
10. nhar it-23 ta’ Jannar 2007 u fil-granet ta’ qabel zamm u garr arma bil-ponta cioe’
sikkina minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikata;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali permezz ta’ liema ai termini tal-artikoli tali ligi indikati fl-istess, baghat

lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qieghed isib oggezzjoni ghal dan;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ir-rinviju tal-Avukat Generali jixli l-imputat bir-reat:
- ta' offiza gravi fuq il-persuna li tista' ggib perikolu (i) tal-hajja, jew (ii) ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, inkella (iv) ta' marda permanenti tal-mohh;
- ta' offiza gravi fuq il-persuna li ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;
- bl-aggravanti fil-kaz tal-offiza gravi meta tkun maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korrosiv;
- aggravat ukoll minhabba li r-reat isir minn ufficjal jew impjegat pubbliku li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;
- b'pussess ta' armi tan-nar waqt l-ghemil tar-reat;

Ir-rinviju tal-Avukat Generali jipprospetta wkoll il-kummissjoni ta' varji offizi kontravenzjonali konsistenti filli: qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti; kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; theddid bil-gebel jew oggetti iebsin; b'hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara, li anka jekk ipprovokat hareg 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Issa l-kawza ghandha il-fattispecie taghha ghal dak li gara fit-23 ta’ Jannar 2007 stante glieda li sehhet fil-fond maghruf ‘Villa Robinich’ li hu dar tal-anzjani u tappartjeni u hi wkoll gestita mill-armla certa Rose Mary Attard parentata mal-imputat biz-zwieg tat-tifla taghha mieghu. Fil-fatt jirrizulta li l-glieda sehhet meta l-imputat insista li martu tmur mieghu d-dar flimkien ma’ uliedhom u fil-battibekk intervjeniet l-parti leza l-imsemmi Ibrahim Hassan Yousef Elasrag li gie aggredit b’sikkina izda mhux qabel dan ta’ l-ahhar kien imbotta u giref lill-imputat u kkawzalu griehi ta’ natura hafifa. L-aggressjoni b’ritaljazzjoni tal-imputat, u hawn il-Qorti temmen li kienet tali, apparti li kienet sproveduta ossija nieqsa minn kull gustifikazjoni, saret bl-uzu ta’ sikkina.

Illi dwar il-ferita ikkonsidrat:

Li fil-kuntest tal-provi, dan purament mill-aspett legali u indipendentement minn kull aspett mediku, l-ferita li tolqot l-id hija dejjem wahda gravi ‘per natura’ izda biss jekk iggib mankament jew sfregju jew jekk hu probabbli li ggib l-wahda jew l-ohra.  Fil-kaz ‘de quo’ il-ferita hi gravi fuq din l-ahhar ipotesi cioe’ li kien probabbli li ggib il-mankament jew l-sfregju minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali taghha. Mill-bqija hu fatt univokament pruvat li l-ferita saret permezz ta’ sikkina, li però, attinenti ghall-kaz in ispecje, tista’ biss tiehu x-xejra ta’ ‘arma irregulari’ a differenza ta’ wahda ‘regulari’ u dan minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 64 tal-Kap 9. Difatti lanqas mhi din il-Qorti ssib reita’ taht l-Artikolu 55 tal-Kap 480 proprju minhabba il-klassifikazzjoni legali ta’ arma ‘regulari’ u dik ‘irregulari’. Fil-kaz in disamina l-fatti juru li s-sikkina ma kinitx qeghdha tingarr fuq il-persuna tal-imputat izda li hadha mill-kcina tal-‘Villa Robinich’ u konsegwenti ghall-intervent tal-parti leza laqtu biha f’idu. Mill-provi jirrizulta li l-ferita ma halliet ebda konsegwenzi kif xehed it-tabib u konstatat ‘icto oculi’ mill-Qorti.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat huwa illum surgent, dak iz-zmien bombardier, mal-Forzi Armati u ghaldaqstant soggett ghall-Artikolu 141 tal-Kap 9.

Dwar l-offizi kontravenzjonali hemm l-estinzjoni tal-azzjoni fil-konfront il-kontravenzjonijiet imfissra fl-Artikolu 339(1)(d) u (e) stante rinunzja tal-parti leza. Hemm ir-reita' pero' ghall-kontravenzjonijiet specifikati fl-Artikolu 338(bb), 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' akkuza senjatament skond l-Artikolu 216(1)(b), 141, 338(bb) (dd), 339(1)(b) tal-Kap 9 fuq l-iskorta u ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali. Wara li rat l-imsemmija artikoli u l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9, u wara li qieset c-cirkostanzi illum prevalenti fejn jidher li kollox gie ghan-normal, ukoll l-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda neffrattarja, il-konsegwenzi kwazi negligibbli li halliet il-ferita, wkoll il-familjarita' esistenti bejn l-imputat u l-parti leza, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u ammenda komplessiva ghall-offizi kontravenzjonali ta' mitt euro.

Tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 9 u tordna l-konfiska tas-sikkina.

Tiddikjara li mhiex ser tapplika l-Artikolu 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 stante li mhux necessarju li jigu illum applikati u fir-rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tirriskontra li ma gewx inkorsi ebda spejjez ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------